**NOMINA TA' DOTT. JEFFREY PULLICINO ORLANDO GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR TA' MALTA, MHUX RESIDENTI, L-IRWANDA**

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. X'taħseb li huma l-isfidi li qed tara fil-pajjiż li għalih qed tiġi nominat biex tinħatar Ambaxxatur? U kif qed tara dawn l-isfidi jiġu indirizzati f'dan il-pajjiż?

Il-kunflitt li hemm fil-lvant tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo hu bla dubju l-akbar sfida fir-reġjun. Dan qed iħalli impatt fuq il-kummerċ u l-ekonomija tal-pajjiż, apparti li wassal għal waqfien fir-rabtiet diplomatiċi mal-Belġju u dgħajjef ir-relazzjonijiet mal-Unjoni Ewropea, mal-Istati Uniti u man-Nazzjonijiet Magħquda. Fost ir-ribelli involuti fil-kunflitt hemm dawk li ħadu sehem fil-Ġenoċidju tal-Irwanda tal-1994 li matulu dawn l-entitajiet internazzjonali ftit li xejn involvewhom ruħhom. Uhud mill-aggressuri rnexxielhom jaħarbu lejn ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo u għadhom sal-lum joħolqu diversi sfidi lill-gvern tal-Irwanda.

2. X'inhuma l-binarji, b'mod ġenerali, li beħsiebek taħdem fuqhom f'każ li tinħatar Ambaxxatur?

Permezz tal-ħidma li wettaqt bħala Gwardjan tal-kENUP Africa (https://www.kenup.org/), jien diġà rnexxieli nibni bosta kuntatti fl-ogħla livelli tal-Gvern tal-Irwanda. Il-Fondazzjoni kENUP Africa kienet twaqqfet bħala Fondazzjoni ta' Benefiċċju Komuni, maħsuba biex tippromwovi proġetti li jagħmlu l-ġid fost iċ-ċittadini li jgħixu fin-Nofsinhar Dinji u lil hinn, b'enfasi partikolari fuq is-saħħa u l-edukazzjoni.

Filwaqt li għarfet il-bżonn ta' aċċess farmaċewtiku ġust u ekwu fin-Nofsinhar Dinji b'mod ġenerali, f'Diċembru 2023 il-Fondazzjoni kENUP għażlet li tiftaħ il-Fondazzjoni kENUP Africa f'Kigali, Irwanda. Din il-Fondazzjoni ta' Benefiċċju Komuni ġiet stabbilita bħala organizzazzjoni volontarja (NGO) bil-għan li twettaq attivitajiet relatati fl-Afrika, u biex tibni rabtiet kollaborattivi fin-Nofsinhar u man-Nofsinhar, bejn l-Afrika u l-LATAM u l-Karibew, u mal-Unjoni Ewropea.

Qed nippjana li nissokta l-ħidma biex jissaħħu r-rabtiet diplomatiċi ma' dan il-pajjiż, b'enfasi qabelxejn fuq is-settur farmaċewtiku u t-turiżmu.

L-ekonomija tal-Irwanda kibret bi 8.9% fl-2024, minn 8.2% fl-2023, bis-saħħa tal-prodotti agrikoli li jkabbar dan il-pajjiż u r-riżultati tajbin ħafna li kiseb fil-qasam industrijali u tas-servizzi. (https://www.reuters.com/world/africa/rwandas-economy-grew-89-2024-stats-office-says-2025-03-19/). L-Irwanda ġiet rikonoxxuta għall-ambjent regolatorju effiċjenti tagħha, u kklassifikat fit-38 post fid-dinja fl-indiċi tal-Bank Dinji dwar il-Faċilità tan-Negozju.

3. Bħala Ambaxxatur, kif tara li x-xogħol tiegħek jista' jwassal sabiex jiżdiedu u jitjiebu r-rabtiet politiċi u soċjali ma' pajjiżna?

Bħalma qed nispjega, nemmen li r-rabtiet li rnexxieli nibni se jiffaċilitaw l-isforzi diplomatiċi tiegħi biex jissaħħu r-rabtiet ta' pajjiżna mar-Repubblika tal-Irwanda. Bħala wieħed mit-tim tal-kENUP, matul l-aħħar erba' snin ħdimt direttament ma' uffiċjali mill-uffiċċju tal-President Kagame, flimkien ma' uffiċjali għoljin oħrajn minn diversi korpi governattivi, fosthom u b'mod partikolari l-Bord għall-Iżvilupp tal-Irwanda u l-Ministeru tal-Edukazzjoni.

4. Liema taħseb li huma l-isfidi prinċipali li jeħtieġ negħlbu biex tissaħħaħ ir-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi?

Nemmen li hu ta' benefiċċju għall-Irwanda li jkollu l-appoġġ ta' Stat Membru newtrali tal-Unjoni Ewropea, ghax dan jista' jgħinu jsaħħaħ ir-rabtiet politiċi u ekonomiċi tiegħu mal-Ewropa. L-Irwanda għandha wkoll diversi ħtiġijiet partikolari relatati mal-mediċina u s-settur farmaċewtiku. Għalhekk nemmen li ninsabu f'pożizzjoni tajba biex nikkontribwixxu għall-benesseri ta' dan il-pajjiż f'dan ir-rigward. M'hemmx dubju li l-preżenza ta' kumpanija Maltija – Express Trailers – speċjalizzata fil-ġarr tal-merkanzija se tiffaċilita l-isforzi tagħna f'dan is-settur u f'oħrajn.

5. X'taħseb li huma n-niċeċ li nistgħu nibnu sinerġiji fuqhom bejn Malta u l-pajjiż rispettiv li fih potenzjalment se tkun qed tirrappreżenta lil pajjiżna?

Bħala Stat membru tal-Komunità Afrikana tal-Lvant (l-EAC), l-Irwanda tiftaħ il-bibien għal suq reġjonali akbar. Dan il-pajjiż għandu rwol attiv ukoll fl-Unjoni Afrikana (l-UA), irwol li jżid l-influwenza politika tiegħu fuq il-kontinent kollu. Jagħmel ħafna sens għal Malta li tibni sinerġiji aktar sodi ma' dan il-pajjiż bħala parti mill-isforzi kontinwi tagħna biex insaħħu l-preżenza Maltija fl-Afrika.

Malta u l-Irwanda, it-tnejn jagħtu attenzjoni partikolari lill-innovazzjoni u l-iżvilupp. Infatti l-Irwanda rnexxielha ssib postha bħala pijunier fit-trasformazzjoni diġitali tal-Afrika, u dan jaqbel sew mal-ambizzjoni ta' Malta fl-oqsma tat-teknoloġija.

L-Irwanda hi wkoll sieħba ewlenija fl-immaniġġjar internazzjonali tal-migrazzjoni u tipprovdi potenzjal ta' kollaborazzjoni f'dan il-qasam tant rilevanti għal Malta. Bħala wieħed mill-pajjiżi aktar stabbli tal-Afrika, l-Irwanda tista' tkun sieħba affidabbli għal inizjattivi umanitarji u ta' governanza.

L-Irwanda hi wkoll membru tal-Commonwealth. M'hemmx dubju li nistgħu naħdmu flimkien fuq inizjattivi li din l-entità tmexxi fl-Afrika.

6. Kif tara li għandhom jissaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn iż-żewġ pajjiżi?

Iż-żewġ pajjiżi jippromwovu t-turiżmu sostenibbli u nistgħu nesploraw il-possibbiltà ta' inizjattivi konġunti f'dan is-settur. F'dan ir-rigward, is-settur tal-avjazzjoni tal-Irwanda li tant qed jiżviluppa, inkluż ir-RwandAir, jista' jiftaħ opportunitajiet ta' aktar konnettività ma' Malta.

Il-ħatra ta' Ambaxxatur Malti għall-Irwanda ssaħħaħ l-firxa diplomatika ta' Malta fl-Afrika, ittejjeb ir-rabtiet ekonomiċi, u toħloq opportunitajiet ġodda ta' kollaborazzjoni f'diversi oqsma.

7. F'dan ir-rigward, tara li hemm trattati li jistgħu jitħaddmu aħjar bejn iż-żewġ pajjiżi? Jew trattati oħra li għandhom jiġu esplorati għaż-żmien li ġej?

Ċertament li ż-żewġ pajjiżi jibbenefikaw minn ftehimiet formali strutturati li jiftħu l-orizzonti għal kollaborazzjonijiet fis-setturi msemmija fit-tweġibiet ta' qabel.

8. Taħseb li hemm lok għal iżjed koperazzjoni fil-qasam turistiku bejn iż-żewġ pajjiżi?

Ara t-tweġiba 6.

9. Fil-livell ta' politika Ewropea u internazzjonali tara li tista' tissaħħaħ il-koperazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi, b'mod partikolari fil-livell ta' Unjoni Ewropea?

Il-ħatra ta' Ambaxxatur Malti għall-Irwanda ttejjeb il-firxa diplomatika Maltija fl-Afrika u għalhekk issaħħaħ ir-rabtiet ekonomiċi u tiftaħ opportunitajiet ġodda ta' kollaborazzjonijiet f'diversi oqsma. M'hemmx dubju li din il-ħatra tipprovdi l-possibbiltà li pajjiżna jiggwadanja bl-aħjar mod mill-opportunitajiet imsemmija fit-tweġibiet ta' qabel. Konvint li l-pożizzjoni politika u ġeografika unika ta' Malta fl-Unjoni Ewropea se tgħin biex jinbnew rabtiet politiċi u ekonomiċi iżjed b'saħħithom ma' dan il-pajjiż, b'kisbiet ta' benefiċċju għaż-żewġ pajjiżi.

10. Tista' tispjega lill-Kumitat jekk tul il-karriera tiegħek qattx kont involut fil-Korp Diplomatiku u/jew fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?

Kelli passaport diplomatiku għal perjodu ta' seba' snin meta servejt bħala membru u Kap tad-Delegazzjoni Parlamentari Maltija fl-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa. Servejt ukoll bħala Viċi President ta' din l-Assemblea għal sentejn. Tul il-karriera politika tiegħi kont inħtart ukoll membru tal-Assoċjazzjoni Parlamentari tal-Commonwealth f'żewġ okkażjonijiet separati.

11. Tista' tindika x'karigi għandek fil-preżent u jekk, kemm-il darba tinħatar Ambaxxatur, hux se tkun qed iżżomm xi kariga minnhom?

Bħalissa jien qed nokkupa l-kariga ta' Chairman Eżekuttiv tal-Kunsill Nazzjonali għall-Ħiliet u gvernatur tal-Kulleġġ Malti għall-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija (l-MCAST). Nemmen li dawn iż-żewġ karigi jistgħu jgħinuni nibni sinerġiji mal-Irwanda fil-qasam edukattiv u tal-ħiliet. Fil-fatt, il-Fondazzjoni kENUP Africa diġà hija involuta ferm fi proġett relatat.

12. Tista' tindika jekk twettaqx attivitajiet kummerċjali? Jekk iva, tista' tindika jekk dawn l-attivitajiet kummerċjali jikkostitwux kunflitt ta' interess ma' din il-kariga prospettiva?

L-ebda.

13. Tista' tinforma lill-Kumitat jekk diġà kellekx jew għandekx rabtiet jew investimenti kummerċjali mal-pajjiż rispettiv?

L-ebda.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. Kif tiddeskrivi r-rwol ta' Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għall-Irwanda?

Permezz tal-ħidma li wettaqt bħala Gwardjan tal-kENUP Africa (https://www.kenup.org/), jien diġà rnexxieli nibni bosta kuntatti fl-ogħla livelli tal-Gvern tal-Irwanda. Il-Fondazzjoni kENUP Africa kienet twaqqfet bħala Fondazzjoni ta' Benefiċċju Komuni, maħsuba biex tippromwovi proġetti li jagħmlu l-ġid fost iċ-ċittadini li jgħixu fin-Nofsinhar Dinji u lil hinn, b'enfasi partikolari fuq is-saħħa u l-edukazzjoni.

Filwaqt li għarfet il-bżonn ta' aċċess farmaċewtiku ġust u ekwu fin-Nofsinhar Dinji b'mod ġenerali, f'Diċembru 2023 il-Fondazzjoni kENUP għażlet li tiftaħ il-Fondazzjoni kENUP Africa f'Kigali, l-Irwanda. Din il-Fondazzjoni ta' Benefiċċju Komuni ġiet stabbilita bħala organizzazzjoni volontarja (NGO) bil-għan li twettaq attivitajiet relatati mhux biss fl-Afrika, u biex tibni rabtiet kollaborattivi fin-Nofsinhar u man-Nofsinhar, bejn l-Afrika u l-LATAM u l-Karibew, u mal-Unjoni Ewropea.

Qed nippjana li nissokta l-ħidma biex jissaħħu r-rabtiet diplomatiċi ma' dan il-pajjiż, b'enfasi qabelxejn fuq is-settur farmaċewtiku u t-turiżmu.

L-ekonomija tal-Irwanda kibret bi 8.9% fl-2024, minn 8.2% fl-2023, bis-saħħa tal-prodotti agrikoli li jkabbar dan il-pajjiż u r-riżultati tajbin ħafna li kiseb fil-qasam industrijali u tas-servizzi. (https://www.reuters.com/world/africa/rwandas-economy-grew-89-2024-stats-office-says-2025-03-19/). L-Irwanda ġiet rikonoxxuta għall-ambjent regolatorju effiċjenti tagħha, u kklassifikat fit-38 post fid-dinja fl-indiċi tal-Bank Dinji dwar il-Faċilità tan-Negozju.

2. Tista' tindika, fl-opinjoni tiegħek, liema huma l-isfidi prinċipali fir-relazzjonijiet bejn Malta u l-Irwanda?

Il-kunflitt fil-lvant tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo qed idgħajjef ir-relazzjonijiet bejn l-Irwanda u l-Unjoni Ewropea. Dan sahansitra wassal għal waqfien fir-rabtiet diplomatiċi mal-Belġju.

3. Tista' tispjega x'inhuma l-pożizzjonijiet u l-interessi komuni li pajjiżna jħaddan mal-Irwanda?

Bħala membru tal-Komunità Afrikana tal-Lvant (l-EAC), l-Irwanda tiftaħ il-bibien għal suq reġjonali akbar. Dan il-pajjiż għandu rwol attiv ukoll fl-Unjoni Afrikana (l-UA), irwol li jżid l-influwenza politika tiegħu fuq il-kontinent. Jagħmel ħafna sens għal Malta li tibni sinerġiji aktar sodi ma' dan il-pajjiż bħala parti mill-isforzi kontinwi tagħna biex insaħħu l-preżenza Maltija fl-Afrika.

Malta u l-Irwanda, it-tnejn jagħtu attenzjoni partikolari lill-innovazzjoni u l-iżvilupp. Infatti l-Irwanda rnexxielha ssib postha bħala pijunier fit-trasformazzjoni diġitali tal-Afrika, u dan jaqbel sew mal-ambizzjoni ta' Malta fl-oqsma tat-teknoloġija.

l-Irwanda hi wkoll sieħba ewlenija fl-immaniġġjar internazzjonali tal-migrazzjoni u tipprovdi potenzjal ta' kollaborazzjoni f'dan il-qasam. Bħala wieħed mill-pajjiżi aktar stabbli tal-Afrika, l-Irwanda tista' tkun sieħba affidabbli għal inizjattivi umanitarji u ta' governanza.

L-Irwanda hi wkoll membru tal-Commonwealth. M'hemmx dubju li nistgħu naħdmu flimkien fuq inizjattivi li din l-entità tmexxi fl-Afrika.

Iż-żewġ pajjiżi jippromwovu t-turiżmu sostenibbli u nistgħu nesploraw il-possibbiltà ta' inizjattivi konġunti. F'dan ir-rigward, is-settur tal-avjazzjoni tal-Irwanda li tant qed jiżviluppa, inkluż ir-RwandAir, jista' jiftaħ opportunitajiet ta' aktar konnettività ma' Malta.

Il-ħatra ta' Ambaxxatur Malti għall-Irwanda ssaħħaħ l-firxa diplomatika ta' Malta fl-Afrika, ittejjeb ir-rabtiet ekonomiċi, u toħloq opportunitajiet ġodda ta' kollaborazzjoni f'diversi oqsma.

4. Xi preparazzjoni u formazzjoni għandek fil-korp diplomatiku? Qatt ġejt assenjat xogħol f'ambaxxata jew ksibt xi forma ta' taħriġ fid-diplomazija?

Kelli passaport diplomatiku matul is-seba' snin kemm domt inservi bħala membru u Kap tad-Delegazzjoni Parlamentari Maltija fl-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa. Servejt ukoll bħala Viċi President ta' din l-Assemblea għal sentejn. Tul il-karriera politika tiegħi nħtart ukoll membru tal-Assoċjazzjoni Parlamentari tal-Commonwealth f'żewġ okkażjonijiet separati. Nemmen li dawn ir-rwoli, u ħidmiti fil-livell internazzjonali – l-aktar fl-oqsma tar-riċerka u l-innovazzjoni, u tal-ħiliet futuri – jgħinu fit-tħejjija tiegħi għal dan ir-rwol.

5. Tista' tinforma lill-Kumitat jekk qattx żort ir-Rwanda u jekk għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali fir-Rwanda?

Żort l-Irwanda darbtejn, it-tnejn kienu okkażjonijiet relatati mal-ħidma tiegħi fil-Fondazzjoni kENUP (https://www.kenup.eu/), b'mod partikolari fuq proġetti parzjalment iffinanzjati mill-Bank Ewropew tal-Investiment bl-appoġġ sħiħ tal-Kummissjoni Ewropea. Fost l-eżempji notevoli hemm proġetti relatati mal-onkoloġija u l-mard tropikali ttraskurat. Ipparteċipajt ukoll f'laqgħat taċ-CHOGM2022 li dik is-sena kienet ġiet ospitata mill-Irwanda.

Iż-żewġ żjarat li għamilt tawni opportunità unika biex norganizza laqgħat ma' uffiċjali għoljin mill-gvern tal-Irwanda, b'enfasi partikolari fuq il-possibbiltà li nibnu sinerġiji bejn Malta u l-Irwanda fl-oqsma tar-riċerka u l-innovazzjoni, peress li dak iż-żmien kont nokkupa l-kariga ta' Chairman Eżekuttiv tal-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija. Ipparteċipajt ukoll f'laqgħat oħrajn b'rabta mas-settur edukattiv.

6. Qatt kont involut f'negozjati, trattati jew dikjarazzjonijiet fl-interess ta' pajjiżna ma' pajjiżi oħra?

Iva. Kont involut fit-tħejjija tal-abbozzi ta' diversi ftehimiet internazzjonali ma' entitajiet li jirrappreżentaw lil pajjiżi oħrajn jew lil entitajiet internazzjonali oħrajn fl-oqsma tar-riċerka, l-innovazzjoni u l-ħiliet.

7. Tista' tindika jekk qattx kont impjegat mal-Istat Malti u, jekk iva, f'liema dipartiment, awtorità jew entità?

Jien kont Membru tal-Parlament ta' Malta mill-1996 sal-2013. Servejt bħala Chairman u Chairman Eżekuttiv tal-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija mill-2010 sal-2022. Imbagħad fl-2023 inħtart Chairman Eżekuttiv tal-Kunsill Nazzjonali għall-Ħiliet, kariga li għadni nokkupa sal-lum.

8. Tista' tindika jekk qatt kontx parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari jew jekk ħdimtx fil-qrib tagħhom f'dawn l-aħħar snin?

Sa mill-1996, ħdimt mil-qrib f'bosta okkażjonijiet ma' tliet Prim Ministri u mal-Kabinett rispettiv tagħhom, fi rwoli bħala Membru Parlamentari, Chairman u Chairman Eżekuttiv tal-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija, u Chairman Eżekuttiv tal-Kunsill Nazzjonali għall-Ħiliet. Qatt ma kont parti minn Segretarjat ta' Ministeru.

9. Tista' tindika x'karigi tokkupa fil-preżent u liema minnhom beħsiebek iżomm f'każ li tinħatar Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għar-Rwanda?

Bħalissa jien qed nokkupa l-kariga ta' Chairman Eżekuttiv tal-Kunsill Nazzjonali għall-Ħiliet u gvernatur tal-Kulleġġ Malti għall-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija (l-MCAST). Nemmen li dawn iż-żewġ karigi se jgħinuni nibni sinerġiji mal-Irwanda fil-qasam edukattiv u l-ħiliet. Fil-fatt, il-Fondazzjoni kENUP Africa diġà hija involuta ferm fit-twaqqif ta' università pubblika maħsuba apposta biex tipprovdi korsijiet qosra b'mikrokredenzjali akkreditati għat-titjib tal-ħiliet tal-professjonisti fl-Afrika, imsejħa SyllAbi (https://sylx.org/). Membru mit-tim tal-Fondazzjoni kENUP Africa huwa ssekondat fil-Ministeru tal-Edukazzjoni tal-Irwanda biex jikkontribwixxi iżjed għall-iżvilupp tal-istituzzjoni.

10. Tista' tindika jekk fil-preżent għandekx attivitajiet kummerċjali? Tista' tindika jekk dawn hux se jkunu f'xi kunflitt f'każ li tinħatar Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għall-Irwanda?

L-ebda.

11. Tista' tiddikjara jekk għandekx xi kunflitt ta' interess f'din il-ħatra tiegħek?

L-ebda.

12. Tista' tiddikjara jekk għandekx passaport jew ċittadinanza ta' pajjiż ieħor?

L-ebda.

---